MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2175/2002

***Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,***
***surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Crystal Bath***
***Ltd. u l-istess Crystal Bath Ltd.***

***vs***

***Anthony Camilleri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin liri Maltin u tmien centezmi (Lm232.08c) rappresentanti in kwantu ghal Lm207.08 li hallset s-socjeta' *Elmo Insurance Agency Limited noe.* u Lm25, imhallsa mis-socjeta' *Crystal Bath Limited* in konsegwenza ta' incident stradali li gara f'San Gwann fl-20 ta' Jannar 2002, meta waqt li l-

konvenut kien qed isuq vettura bin-numru CAE 918 habat mal-vettura numru ABH 041, proprjeta' ta' *Crystal Bath Limited* li kienet ipparkjata, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mill-4 ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar ghan-nom ta' l-atturi, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' Dokument ZM1 sa ZM5 konsistenti fir-ricevuti u *invoices* tat-tiswijiet kollha tal-hsarat rapportati fil-vettura tas-socjeta' *Crystal Bath Ltd*., kif ukoll kopja tas-*survey report* relattiv.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin

liri Maltin u tmien centezmi (Lm232.08c), kif mitluba, bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Gunju 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**